**19 ta' Frar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Frank Borg

*versus*

John Nicola Cassar

**Preskrizzjoni — Rinunzja.**

Deċiża fil-meritu fid-29 ta' April, 1960; u b'deċiżjoni tat-23 ta' Mejju, 1960 (pubblikata), ġie mogħti lill-attur il-permess kondizzjonali biex jappella minn dik is-sentenza tal-meritu quddiem il-Maestà tar-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat.

*Fejn ma hemmx obligazzjoni, u lanqas azzjoni, ma hemmx lok għall-preskrizzjoni; u l-lum il-ġurispridenza stabbiliet definittivament illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix inkompatibbli ma' dik tal-ineżistenza tal-obligazzjoni, lanqas fil-każ ta' dawk li jissejħu preskrizzjonijiet "brevi". U għal-*

*hekk, jekk il-konvenut jeċċepixxi li l-attur qatt ma kellu l-azzjoni minnu eżerċitata, imma wkoll illi, jekk hu kellu "ab initio" din l-azzjoni, din estingwiet ruħha bid-dekorriment tal-preskrizzjoni, ma jistax jingħad li l-konvenut taċitament irrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Jekk mbgħad il-konvenut, wara li jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jirtira dik l-eċċezzjoni in vista li jkun irriżulta li l-attur ma għandux dritt tal-azzjoni minnu eżerċitata, imma jirriżerva li jerġa jissolleva aktar tard, jekk hekk ikun jidhirlu, dik l-eċċezzjoni, hu ma hux prekluż milli jerġa jqanqalha. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tkun suġġetta għal kondizzjonijiet, limiti u riżervi; u biex l-eċċipjenti ma jkunx jista' jissollevaha, jeħtieġ li jkun irrinunzja għaliha purament u sempliċement; u jeħtieġ li jkun hemm rinunzja vera.*

Il-Qorti:—Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummmerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara illi ppremetta illi żmien ilu xtara bħala ġodda minn għand il-konvenut żewġ karrozzi "Jewitt Javelin" numri 11935 u 743, bil-prezz rispettiv ta' £775 u ta' £800, li kellu jitħallas b'rati mensili; u li dan l-aħħar sar jaf illi l-imsemmijin żewġ karrozzi kienu sekonda man; u illi għalhekk il-prezz relattiv għandu jkun inferjuri għal dak miftiehem; talab illi jiġi ridott il-prezz tal-istess karrozzi, li għandu jiġi stabbilit minn espert nominat għal dan il-fini fuq il-prezz korrenti fiż-żmien tal-bejgħ tagħhom bħala sekonda man; b'riżerva għad-danni; bl-interessi kummerċjali; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest taż-17 ta' Settembru u taċ-ċedola tad-depożitu tad-19 ta' Settembru 1956;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi l-attur kien jaf. u minn provi f'idejh stess dejjem seta' jkun jaf, x'karrozzi kienu qegħdin jiġu lilu konsenjati, u kwindi t-talba tiegħu hija nfondata, u għandha tiġi respinta;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġie nominat l-Ewwel perit, u wara li kienu saru quddiemu erbatax il-seduta, il-konvenut, bin-nota tiegħu preżentata fl-10 ta' Marzu 1958 (fol. 22), qabel l-aħħar seduta quddiem il-perit, eċċepixxa l-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1457(1) tal-Kodiċi Ċivili, bla preġudizzju tal-eċċezzjonijiet l-oħra li ġa kien issolleva fil-meritu u għall-ipotesi li dawn ma jiġux milqugħa. Billi, però, in segwitu l-konvenut, kif jirriżulta minn nota tiegħu tad-19 ta' Awissu 1959 (fol. 139), irrinunzja għal din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaldaqstant ma hemmx lok għall-konsiderazzjoni u għad definizzjoni tagħha;

Illi l-ewwel perit wasal għall-konkluzjoni, in bażi għall-provi "hinc inde" prodotti, illi ż-żewġ karrozzi fuq riferiti ma kienux sekonda man meta ġew mill-konvenut mibjugħa lill-attur, u miegħu unaminement qalbu t-tliet periti addizzjonali;

Illi għalhekk it-talba tal-attur mhix sostenuta, u ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa;

Rat in-nota tal-appelll tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi t-talba tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut illi qal illi fil-meritu s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u in kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni rriżerva kull dritt tiegħu skond il-liġi;

Rat in-nota tal-konvenut preżentata fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 1960. li biha, għall-eventwalità li din il-Qorti ma taqbelx mad-deċiżjoni appellata, eċċepixxa li l-azzjoni tal-appellant hi preskritta skond l-art. 1457(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat il-verbal tal-istess data li bih il-kawża ġiet differita għad deċiżjoni tal-kwistjoni jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellat kif intqal fuq hix ammissibbli,

jew jekk għandhiex titqies li ġiet definittivament rinunzjata;

Trattata din il-kwistjoni, il-Qorti kkunsidrat;

Kif ġa hemm imsemmi fil-premessi tas-sentenza appellata, il-konvenut, wara li kien ġa ġie nominat l-ewwel perit, u kienu saru quddiemu diversi seduti, anzi s-seduti kienu spiċċaw barra l-aħħar waħda, kien issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1457(1) tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè l-istess waħda li ġiet minnu sollevata issa fl-appell. In-nota li biha ġiet sollevata dik l-eċċezzjoni (fol. 22) kienet formulata hekk:— "Bla preġudizzju tal-eċċezzjonijiet ġa mogħtija fil-meritu, u fl-ipotesi li dawn ma jiġux milqugħa, l-azzjoni tal-attur tinsab preskritta, eċċ. eċċ.";

Il-perit ġudizzjarju fuq imsemmi, peress illi fir-relazzjoni tiegħu kien wasal għall-konklużjoni illi ż-żewġ karrozzi li dwarhom hi l-kawża ma kienux "second hand" meta ġew mibjugħa lill-attur, u għalhekk l-azzjoni ta' dan ma kienetx pruvata, ma deherlux li kellu jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut kif fuq intqal. Hu rraġuna illi, "jekk taqa' l-azzjoni, ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni" (fol. 107);

In segwitu ġew nominati, fuq talba tal-attur, tliet periti addizzjonali, li fir-rapport tagħhom waslu sostanzjalment għall-istess konklużjonijiet tal-ewwel perit, fis-sens, ċjoè, li eskludew id-dritt tal-azzjoni tal-attur;

Kif jidher mill-verbal fol. 133, wara li l-attur kien ippreżenta nota ta' kritika fuq ir-relazzjonijiet tal-periti, u preżumibbilment il-partijiet kienu ttrattaw dan il-meritu quddiem l-Ewwel Qorti, fis-seduta tal-24 ta' April 1959 il-konvenut insista wkoll fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li hu kien issolleva kif ġa ntqal, u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni;

Fit-22 ta' Ġunju 1959 l-attur ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet (fol. 134), li biha rrileva sostanzjalment

illi f'dak l-istadju l-konvenut ma setgħax iżjed jipprevalixxi ruħu mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għax bid-diportament tiegħu fil-kors tal-kawża, u bis-sistema ta' difiża li hu kien adotta, hu kien taċitament irrinunzja għal dik l-eċċezzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-atteġġjament tal-konvenut kellu jittieħed in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni tal-kap talispejjeż;

B'nota preżentata fid-19 ta' Awissu 1959, il-konvenut, wara li kkontesta s-sottomissjonijiet magħmulin fin-nota tal-attur, qal hekk:— "In vista tal-mod kif ġraw il-fatti, l-esponent, biex jiffaċilita d-deċiżjoni u d-definizzjoni tal-ġudizzju preżenti, qiegħed bl-att preżenti jirrinunzja għall-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata per mezz tan-nota tiegħu a fol. 22 tal-proċess, jekk dan hu meħtieġ bi'li l-istess eċċezzjoni ġiet mogħtija għall-każ li ma jiġux milqugħa l-eċċezzjonijiet fil-meritu. Fl-istess ħin però, l-esponent jirriżerva espressament li jerġa jissolleva dik l-eċċezzjoni iżjed il-quddiem, jekk jidhirlu li jkun il-każ";

In vista' ta' dan, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata rrilevat li ma kienx hemm lok għall-konsiderazzjoni u definizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni, u ċaħdet it-talba tal-attur, billi rriteniet konformement għal dak li kienu ssottomettew l-erbgħa periti ġudizzjarji, i'li ż-żewġ karrozzi in kwistjoni ma kienux "second hand" meta nbiegħu lill-attur;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni issa hi dupliċi:— 1. Jekk bis-sistema ta' difiża adottat mill-konvenut fil-prima istanza hu rrinunzjax taċitament għall-preskrizzjoni; 2. fi kwalunkwe każ, jekk ir-rinunzja espressa għall-eċċezzjoni li l-konvenut għamel bin-nota tiegħu tad-19 ta' Awissu 1959 tippreklu-dieħx milli jerġa jqajjem dik l-eċċezzjoni f'din l-istanza;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel kwistjoni;

Bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu kontra t-talba tal-attur,

il-konvenut oppona illi l-attur kien jaf, u min provi f'idejh stess dejjem seta' jkun jaf, x'karrozzi kienu qed jiġi lilu konsenjati. B'dan il-mod il-konvenut innega l-eżistenza stess tad-dritt u l-azzjoni tal-attur sa mill-bidu. Hu ċaħad li l-attur qatt kellu kontra tiegħu d-dritt u l-azzjoni eżerċitata;

Din baqgħet l-attitudini tal-konvenut anki meta hu ssolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bin-nota tiegħu fol. 22. Infatti hu qajjem dik l-eċċezzjoni bla preġudizzju tal-eċċezzjoni ġa mogħtija fil-meritu, u għall-ipotesi li din tal-aħħar ma tiġix milqugħa. In sostanza, it-teżi tiegħu tista' tiġi rijassunta hekk:— "L-attur qatt ma kellu l-azzjoni eżerċitata; imma anki jekk hu kellu "ab initio" dik l-azzjoni, din estingwiet ruħha bid-dekorriment taż-żmien";

F'din l-attitudini ma hemm xejn inkompatibbli. Kif qalet wisq tajjeb il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXII-II-309, "fejn ma hemmx obligazzjoni, u lanqas azzjoni, ma hemmx lok għall-preskrizzjoni". Il-lum huwa definittivament stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hix inkompatibbli ma' dik tal-ineżistenza tal-obligazzjoni; lanqas fil-każ ta' dawk li jissejħu preskrizzjonijiet "brevi" (ara e.g. Vol. XXX-I-976; XXXIV-I-329; XXXV-I-101; XXXVIII-I-680);

Għalhekk, rinunzja taċita ma kienx hemm;

Ikkunsidrat, fuq it-tieni kwistjoni;

Kif ġa ntqal fuq, bin-nota tiegħu fol. 139 il-konvenut irtira l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan huwa għamlu, kif qal espressament, "in vista tal-mod kif ġraw il-fatti", ċjoè evidentement in vista tal-fatt li hu kellu favur tiegħu l-opinjoni ta' erbgħa periti ġudizzjarji li kienet tinnega l-eżistenza tad-dritt tal-azzjoni tal-attur u rriżerva d-dritt li jerġa jissolleva dik l-eċċezzjoni iżjed il-quddiem jekk jidhirlu li jkun il-każ";

Kieku dik ir-rinunzja kienet pura u sempliċi, natural-

ment ma kienx ikun hemm dubju illi l-konvenut ma kienx ikun jista' jerġa' jissolleva dik l-eċċezzjoni f'dan l-istadju. Għad illi l-art. 2217 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna jgħid illi l-eċċezzjoni tal-preskrizjoni tista' tingħata kull waqt tal-kawża, mqar fl-appell, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju illi, anki fil-liġi tagħna, jgħodd dak li kien jgħid l-art. 2224 tal-Kodiċi Franċiż, li minnu jidher li ttieħed l-artikolu tagħna, ċjoè illi l-preskrizzjoni tista' tiġi opposta fi kwalunkwe stadju tal-kawża, anki fl-appell, "purchè le circostanze non offrano un fatto donde risulti che la parte che non l'ha opposta vi abbia rinunziato". Kif jidher minn noti ta' Sir Adriano Dingli, dawn l-aħħar kliem tal-Kodiċi Franċiż ġew ommessi "perchè fanno dubitare che il silenzio in prima istanza importi rinunzia". Dan id-dubju ried jiġi rimoss; iżda evidentement ma kienetx l-intenzjoni illi jiġi mićħud il-prinċipju li jekk il-preskrizzjoni tkun ġiet rinunzjata, sew taċitament sew espressament, dan ir-reċess ma jistax jiġi revokat u kwindi l-preskrizzjoni ma tistax tinġieb il-quddiem wara dik ir-rinunzja. Dan il-prinċipju kien espress fl-art. 2110 tal-Kodiċi Taljan, li kien jgħid: "La prescrizione si può opporre anche in appello, se chi aveva diritto di opporla non vi ha rinunziato";

Iżda, biex japplika dan il-prinċipju, jeħtieġ illi jkun hemm rinunzja vera. Tista' tgħid, l-awturi kollha jgħallmu illi r-rinunzja tista' tkun soġġetta għal kondizzjonijiet, limiti u riżervi. Jgħid il-Borsari:— "La rinuncia espressa si può combinare utilmente con una protesta ossia con riserve esplicite che facessero conoscere le vere intenzioni dell'emittente" (Comm. del Cod. Civ. Ital., art. 2111, §4383). Ara wkoll Marcadè. Cod. Nap. Vol. IV, P. II, p. 181, §VIII; Zachariae, Corso di Dir. Civ. Franc. Vol. V, § 861 (n); Giorgi, Teoria delle Obbligaz. 3za. ediz. Vol. VIII, § 361. Hemm każijiet meta l-protesta jew riżrva ma għandha ebda valur, u dan meta takkompanja att li miegħu hija inkonċiljabbli. Dan jiġri, tipikament, meta, non ostante l-protesti u riżervi verbali, fil-fatt id-dritt tal-kreditur jiġi rikonoxxut (Troplong, "Prescrizione", Ed. 1857, p. 52, § 61);

Iżda fil-każ preżenti dan ma ġarax; anzi l-attitudini

tal-konvenut baqgħet dejjem ta' ċaħda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur. Hu biss, għall-finijiet tad-deċiżjoni li kienet sejra tagħti l-Ewwel Qorti, irrimetta ruħu għall-eċċezzjoni tiegħu fil-meritu (eċċezzjoni tal-ineżistenza "ab initio" tal-azzjoni), iżda b'riżerva espressa li, jekk ikun il-każ, jirrikorri għad-difiża subordinata tal-estinzjoni ta' dik l-azzjoni. Sostanzjalment, il-konvenut issospenda biss l-eżami ta' dik l-eċċezzjoni mill-Ewwel Qorti, mingħajr preġudizzju li dak l-eżami jsir minn dik il-Qorti jekk ikun il-każ. Għalhekk japplika l-insenjament li tat din il-Qorti fil-kawża "Aquilina vs. Gauci" (App. Kumm. 30.6.1899, Vol. XVII-I-57);— "Il ritiro della eccezione di prescrizione, fatto senza intenzione di rinunciarvi, importa rinunzia alla stessa quando tale intenzione non è espressa. Questa protesta dichiaratoria, per avere efficacia come rimedio contro una rinuncia assoluta, deve essere fatta in termini chiari importanti sospensione dell'esame di detta eccezione per coltivare il merito senza pregiudizio della stessa" — appuntu kif sar fil-każ preżenti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddirimi l-inċident fis-sens li tiddikjara illi l-appellat mhux prekluż, minħabba rinunzja, la taċita u lanqas espressa, li jissolleva f'din l-istanza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; salv. talvolta, eventwalment, ir-regolament tal-ispejjeż (Vol. XXIV-I-329);

L-ispejjeż jibqgħu riżervati.